# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta’ Ottubru 2024**

**Rikors Numru 381/2024 FDP**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju 540/2024**
**fl-ismijiet**

**Josephine Azzopardi (ID 709043M), Paul Azzopardi (ID 157973M) u Raymond Azzopardi (ID 327177M)**

**vs**

**Louis Azzopardi (ID 443069M) u Francis Azzopardi (ID 442969M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta’ April 2024, li permezz tiegħu r-rikorrenti Louis Azzopardi u Francis Azzopardi talbu s-segwenti:

    1. *Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-artikolu 836(1) (d u/jew (f) tal-Kap. 12; artikolu 836(8) (b) u/jew (d) tal-Kap. 12; u artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

    2. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti sejrin jagħtu kwadru tal-fatti li jikkostitwixxu r-retroxena għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fil-konfront tagħhom mis-sekwestranti Josephine Azzopardi, Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi, liema mandat ta' sekwestru qed jitolbu r-revoka tiegħu permezz tar-rikors odjern;*

    3. *Illi l-esponenti fetħu kawża kontra s-sekwestranti Josephine Azzopardi, Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi għall-ħlas tal-leġittima portio relattiva għall-eredita' ta' missierhom id-defunt Simon Azzopardi u, sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni piu che legittima tagħhom huma talbu*

*u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2229/23 u mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2230/23.*

4. *Illi in segwitu għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2230/23 ġew preżentati sitt (6) ċedoli ta' depożitu bl-ammont globali depożitat ikun biss ta' €229,839.58 u dan meta l-leġittima portio spettanti lill-esponenti hija kalkulata li tkun fis-somma ta' madwar ħames mitt elf Ewro (€500,000) kull wieħed. Din is-somma ta' €229,839.58 ġiet depożitata kif ġej:*

- *Ċedola ta' Depożitu Numru 2638/23 € 178,334.21*
- *Ċedola ta' Depożitu Numru 2672/23 € 12,101.42*
- *Ċedola ta' Depożitu Numru 102/24 € 5,231.09*
- *Ċedola ta' Depożitu Numru 141/24 € 22,500.00*
- *Ċedola ta' Depożitu Numru 364/24 € 9,430.06*
- *Ċedola ta' Depożitu Numru 615/24 € 2,242.80*

*(Kopji tal-imsemmija Ċedoli ta' Depożitu jinsabu hawn annessi bħala Doks A1-A6).*

5. *Illi kien għalhekk illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw ruħhom aħjar, talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor bin-numru 483/24 li permezz tiegħu inkludew bħala sekwestratarji entitajiet illi kienu tħallew barra (bi żvista) meta ġie mitlub u ottjenut il-ħruġ tal-ewwel mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2230/23.*

6. *Illi fil-31 ta' Jannar, 2024 l-imsemmija Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi (waħedhom, u mhux inkluża Josephine Azzopardi) kienu ppreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 2230/23 oltre talba magħmula ai termini tal-atikolu 838A tal-Kap. 12 sabiex l-esponenti odjerni jiġu ordnati jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali, danni u imgħax.*

7. *Illi l-esponenti kienu ppreżentaw risposta estensiva u komprensiva għall-imsemmi rikors entro t-terminu utili mogħti minn din l-Onorabbli Qorti bid-Digriet tagħha tat-12 ta' Frar, 2024.*

8. *Illi l-imsemmi rikors intavolat mill-imsemmija Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi sal-lum għadu ma ġiex degretat unikament minħabba t-traskuraġni tal-istess Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi li preżentaw rikors fit-28 ta Frar, 2024 sabiex jippreżentaw xi dokumenti, liema rikors ġie milqugħ minn din l-Onorabbli Qorti b'digriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2024 li permezz tiegħu huma ngħataw 20 jum żmien biex jippreżentaw tali dokumenti bin-notifika tal-kontro-parti "**b'dan li l-imsemmija dokumenti għandhom jiġu preżentati fl-atti tar-rikors bin-numru 100/2024**" (emfasi tal-Qorti).*

9. *Illi l-esponenti qatt ma ġew notifikati b'dawn id-dokumenti li kellhom jiġu preżentati sa mhux iżjed tard mill-21 ta' Marzu, 2024 fl-atti tar-rikors bin-numru 100/2024.*

10. *Illi sussegwentement ġie preżentat rikors ieħor f’ ta' Marzu, 2024 li, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2024, din l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu stante illi "dak ir-rikors kellu jiġi preżentat fl-atti tar-rikors bin-numru 100/2024 kif diġa’ indikat fid-digriet tal-1 ta' Marzu, 2024".*

11. *Illi frustrati bin-nuqqas ta' riżultat illi kien kollu kemm hu kkaġunat bit-traskuraġni u l-inkompetenza tagħhom, ġie ppreżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 bil-kawżali indikata tkun "danni kaġunati mis-sekwestri lir-rikorrenti u dan stante żewġ mandati vessatorji osija l-mandati numri 2230/23 u 483/24 fl-ismijiet inversi, liema mandati qegħdin jirrovinaw in-negozju ta' laħam u ħalib li jiġġestixxu r-rikorrenti".*

12. *Illi dan ifisser li, filwaqt li għad hemm pendenti r-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2230/23 li għalih saret risposta mill-iżjed robusta da parti tal-esponenti odjerni, u liema proċeduri għadhom pendenti unikament minħabba traskuraġni u/jew inkompetenza da parti tagħhom (għar-raġunijiet imfissra f'paragrafi 8 - 10 ta' dan ir-rikors), Raymond Azzopardi* ***waħdu*** *(u dwar dan se jiġi spjegat fil-paragrafu li jmiss) qabad u ddeċieda, qabel ma ppronunzjat ruħha din l-Onorabbli Qorti fuq il-mertu tar-rikors tiegħu, illi dawn il-mandati huma "vessatorji" għaliex "qegħdin jirrovinaw in-negozju ta' laħam u ħalib li jiġġestixxu r-rikorrenti.”*

13. *Illi r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 u l-kawżali indikata fih ġie konfermat bil-ġurament mis-sekwestrant Raymond Azzopardi waħdu. Il-ġurament minnu meħud huwa ġurament falz li għandu jwassal għat-teħid ta' provvedimenti mill-iżjed ħorox fil-konfront tiegħu u dan għas-sempliċi raġuni illi huwa Raymond Azzopardi biss u mhux ir-rikorrenti kollha, kif b'mod qarrieq u bil-falz ġie minnu konfermat bil-ġurament, illi jiġġestixxi negozju ta' laħam u ħalib. Is-sekwestranta Josephine Azzopardi (li l-esponenti odjerni huma konvintissimi li ma taf b'xejn dwar dal-mandat ta' sekwestru preżentat kontra l-esponenti uliedha) hija mara anzjana illi tgħix bil-pensjoni ġewwa old people's home fi Triq in-Nigret, Rabat filwaqt li s-sekwestrant l-ieħor Paul Azzopardi huma impjegat bil-paga mad-ditta Camel Brand u l-esponenti odjerni, fil-mandat ta' sekwestru minnhom mitluba u ottjenuti, kienu tant prudenti u tant ma riedu jarrekaw ebda ħsara lil ħuhom Paul Azzopardi illi l-employer tiegħu lanqas biss ġie indikat bħala sekwestratarju sabiex b'hekk l-imsemmi Paul Azzopardi baqa' jirċievi s-salarju tiegħu b'mod sħiħ u bla tnaqqis sabiex ma jkunx hemm tbatija għalih u għall-familja tiegħu. Dak li qed jingħad f'dan il-paragrafu rigwardanti Josephine Azzopardi u Paul Azzopardi qed jiġi konfermat bil-ġurament mill-esponenti odjerni.*

14. *Illi għalhekk huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 inħareġ minn Raymond Azzopardi għall-interessi personali tiegħu biss u bħala ammont ta' kreditu qabad u*

*indika ċifra tonda tonda ta' mitt elf Ewro (€100,000) liema ammont ġie mnaqqas għal €54,000 fid-*Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti *fl-4 t'April, 2024 li permezz tiegħu ġie milqugħ (b'mod limitat in kwantu għall-ammont) ir-rikors għall-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju.*

15. *Illi l-esponenti qegħdin bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi qabel ma ġew notifikati bil-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 huma ġew mitluba minn kwalsijasi wieħed jew waħda mis-sekwestranti jew sabiex iħallsu l-allegat kreditu jew biex jagħtu sigurta' biżżejjed biex jiġi kopert tali allegat kreditu kieku qatt dan kellu jittraduċi ruħu f'titolu eżekuttiv.*

16. *Illi l-esponenti jtennu illi m'hemm ebda raġuni għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 maħruġ fil-konfront tagħhom għandu jibqa' fis-seħħ u dan abbażi ta' dak stipulat fil-paragrafi (d) u/jew (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex, fl-ewwel lok, kif fuq imfisser, tali mandat ġie ottenut bis-saħħa ta' dikjarazzjoni ġuramentata falza magħmula mis-sekwestrant Raymond Azzopardi. Fit-tieni lok, mhuwiex konsentit illi persuna li tkun kolpita b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju tirrialja u tipprova ġġiegħel lill-persuna li tkun għamiltilha s-sekwestru biex tneħħih billi taqbad u toħroġilha sekwestru hi stess bħala forma ta' arm twisting. Sabiex wieħed jintenta jneħħi minn fuqu mandat ta' sekwestru kawtelatorju, irid jirrikorri għall-mezzi li tagħtih il-liġi bl-artikolu 836 tal-Kap. 12 u mhux jagħmel kif għamlu s-sekwestranti odjerni (effettivament is-sekwestrant Raymond Azzopardi). L-esponenti odjerni kellhom kull dritt illi jirrikorru għal rimedju kontemplat espressament bil-liġi - il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju – biex jikkawtelaw il-kreditu tagħhom illi ċertament jirriżulta tal-inqas sal-grad prima facie mill-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 1354/2023 u l-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati miegħu. Mill-banda l-oħra s-sekwestranti li talbu u ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 540/2024 m'għandhom ebda jedd prima facie x‘jikkawtelaw, u f'dan ir-rigward issir riferenza għall-prinċipju hekk enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet 'Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri' (PAQC, 10 ta' Jannar, 1992) kif ġej:*

> *"Illi huwa prinċipju fundamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju ikun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbagħti ħaddieħor, in omaġġ għall-massima "qui suo iure utitur non videtur damnum facere" bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel"*

17. *Illi l-istess prinċipju ġie mtenni wkoll fis-sentenza fl-ismijiet 'Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd' (PAQC, 07/07/2004) li fiha din l-Onorabbli Qorti żiedet ittenni kif ġej:*

*"Illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-Qorti ma għandux jiġi abbużat.*

*Tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża fejn min ikun adixxa lil Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-proċedura promossa tirriżulta vessatorja. Iżda apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi ġuridiċi derivanti mill-istess mhux biżżejjed sabiex tiġi leġittimata talba għad-danni mill-parti rebbieħa fil-kawża."*

18. *Illi f'dan ir-rigward ukoll l-esponenti jagħmlu riferenza għas-sentenza fl-ismijiet 'Ratan Mohnani vs. Carmelo Stivala' (App. Inf., 11/06/2010) fejn ġie mfisser dan li ġej:*

*"Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawża l-oħra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tiegħu għad-danni minħabba dik ir-raġuni hu ħtieġlu jipprova li l-konvenut aġixxa in mala fede. Hekk, kif jinżel minn ġurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi "è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni" dan huwa hekk konċess "nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza" ("Negte. Carmelo Delia -vs Giovanni Xuereb", Appell Ċivili, 9 ta' Mejju, 1932). Gia infatti ngħad qabel din illi "colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente" ("Barbara -vs- Fleri proprio et nomine", Qorti tal-Kummerċ, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Diċembru, 1931);*

*Qagħda konsimili għal din tas-sentenzi aċċennati kienet diġa’ prevalenti fil-każijiet domandanti d-danni minn min ikun kwerelat jew denunċjat b'reat kriminali, u fejn id-deċiżjoni tkun iddeterminat li dan l-istess reat ma jissussistix. Ukoll hawn kien ritenut illi għas-suċċess ta' l-azzjoni għar-riżarċiment ried jinstab illi l-kwerela jew id-denunċja saret "con dolo o almeno colpa aquiliana". Ara "Reynaud -vs- Zammit", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 6 ta' Diċembru, 1869, "Terreni -vs- Rapinett", Appell Ċivili, 2 ta' Jannar, 1874 u "Barbara -vs- Cordina", Appell Ċivili, 17 ta' Frar, 1928, fost ħafna oħrajn;"*

19. *Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet "John Zarb vs. Port Cottonera Limited" din l-Onorabbli Qorti, fuq l-istegwa tal-insenjament gja aċċennat, enunċjat illi:*

> *"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibili mil-liġi. Għalhekk, ġie deċiż li min jiftaħ il-kawża u jitlifha, ma jkunx responsabbli għad-danni, sakemm il-ftuħ tal-kawża ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kolezz Vol. XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fleri Kollezz. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna taġixxi kapriċċosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha."*

20. *Illi applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta bl-iżjed mod ċar u manifest illi (i) l-esponenti odjerni kellhom kull dritt illi jirrikorru għall-otteniment tal-mandati sekwestru kawtelatorji lamentati mis-sekwestrati, u li (ii) fir-realta' huma l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024 ottenut kontra l-esponenti odjerni li ġie ottenut malizzjożament, in mala fede u mingħajr ebda bażi legali u dan fuq l-iskorta tal-prinċipji paċifiċi appena sottolineati.*

21. *Illi għaldaqstant jokkorru raġunijiet validi skond il-liġi għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024 maħruġ kontra l-esponenti odjerni.*

22. *Illi wkoll, fid-dawl ta' dak imtenni f'paragrafu (15) konfermat mill-esponenti bil-ġurament tagħhom kif ukoll fid-dawl tal-assjem tal-fatti u l-argumentazzjonijiet legali kollha sottomessi f'dan l-umli rikors, jissussitu wkoll l-estremi għall-applikazzjoni tal-artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

23. *Illi wkoll, fid-dawl ta' dak kollu sottomess f'dan l-umli rikors, jokkorri wkoll l-estremi għall-applikazzjoni tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi kif ġej:*

> *"Il-Qorti tista', **<u>meta tintwera kawża ġusta għal dan</u>**, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju". (Emfasi miżjud)*

24. *Illi minn dak kollu hawn sottomess ċertament illi l-kawża ġusta għall-applikazzjoni tal-artikolu 838 tal-Kap. 12 ġiet ampjament pruvata meta tqis illi s-sekwestrant Raymond Azzopardi għamel dikjarazzjoni falza bil-ġurament fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 540/2024, illi s-sekwestranti Josephine Azzopardi u Paul Azzopardi mhumiex affettwati mis-sekwestri maħruġa mill-esponenti odjerni għar-raġunijiet imfissra (bil-ġurament tal-esponenti odjerni) f'paragrafu (13) ta' dan ir-rikors, illi dan il-mandat ta' sekwestru sar*

*biss minn Raymond Azzopardi b'pika u ritaljazzioni u, b'mod ġenerali, minħabba r-raġunijiet kollha estensivament esposti f' dan l-umli rikors.*

25. *Illi l-esponenti f'dan ir-rigward jagħmlu riferenza għad-digriet mogħti fil-proċeduri Portem Brew and Leisure Ventures Limited vs DAAA Haus Limited (Rik Nru:848/2018) fl-4 ta' Ottubru, 2018 fejn ġie mtenni kif ġej:*

> *"Illi l-fatt li nħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Liġi. Li kieku kien hekk, il-Liġi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, iżda l-liġi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta. Mhux biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jieħux raġun fil-mertu. Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjarja, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi."*

26. *Illi fil-każ odjern jokkorru kemm il-qerq konsistenti fid-dikjarazzjoni falza taħt ġurament tas-sekwestrant Raymond Azzopardi, kif ukoll il-frugħa tal-pretensjoni, u dan kif imfisser iżjed 'il fuq f' dan ir-rikors.*

27. *Illi l-esponenti odjerni jtennu illi l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni fil-konfront tagħhom meta huma mhu qed jagħmlu xejn għajr li jfittxu għal dak li jispetta lilhom skond il-liġi, qed jarrekalhom ħsara kbira.*

*Għal dawn il-motivi l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha –*

*(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi jeżistu raġunijiet validi skond il-liġi u a tenur ta' paragrafi (d) u/jew (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024;*

*(ii) konsegwentement tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024 abbażi tar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafi (d) u/jew (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(iii) tiddikjara illi jeżistu raġunijiet validi skond il-liġi għall-applikazzjoni tal-penali kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tal-paragrafi (b) u/jew (d) tal-imsemmi provvedimenti tal-liġi;*

(iv) *konsegwentement tikkundanna lis-sekwestranti jew min minnhom (bir-responsabbilita' prinċipali kjarament tipponta fid-direzzjoni tas-sekwetrant Raymond Azzopardi) sabiex, a tenur tal-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lill-esponenti penali ta' mhux inqas minn € 1,164.49 u mhux iktar minn €6,988.82, liema penali għandha tmur favur l-esponenti odjerni f'ammonti ugwali;*

(v) *tiddikjara illi l-esponenti rnexxielhom jippruvaw kawża ġusta sabiex jiġu applikati fil-konfront tas-sekwestranti jew min minnhom l-estremi tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

(vi) *tapplika fil-konfront tas-sekwestranti jew min minnhom il-provvedimenti tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tordna lilhom jew lil min minnhom sabiex jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestranti jew min minnhom.*

2. Rat illi fis-26 ta’ April 2024, l-intimati Josephine Azzopardi, Paul Azzopardi u Raymond Azzopardi laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti jopponu għat-talbiet rikorrenti u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi għandu jirriżulta illi l-esponenti għandhom kull jedd illi joħorġu u jżommu fis-seħħ il-mandat kawtelatorju minnhom ipprestat kontra r-rikorrenti u m'hemm l-ebda raġuni għalfejn dan il-mandat għandu jiġi mħassar. Dak rikjesta fis-subinċiżi (d) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 fuq liema huwa bbażat ir-rikors odjern (ċioe li l-mandat mhux prima facie ġġustifikat jew eċċessiv jew mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ) m'huwiex sodisfatt u konsegwentement qed jiġi umilment sottomess illi t-talbiet fir-rikors odjern huma infondati.*

*Illi ser jirriżulta illi l-mandati kawtelatorji ippreżentati mir-rikorrenti kontra l-esponenti m'huma xejn ħlief mandati eċċessivi u vessatorji intiżi biss biex iwaqqfu n-negozju ta' l-esponenti. Huwa għalhekk illi l-esponenti qegħdin jippretendu danni, huwa għalhekk illi ppreżentaw il-mandat odjern u huwa għalhekk illi ppreżentaw rikors ġuramentat b'talbiet għal-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni fil-konfront tar-rikorrenti. Din il-kawża ġiet ippreżentata fit-terminu ossia nhar l-24 ta' April 2024 (referenza ta' ħlas 4799/4/2024) u kopja informali tagħha qed jiġi eżebita u mmarkata Dok A.*

*Illi fl-atti tar-rikors ta' revoka ta' l-esponenti u ċioe r-rikors numru 100/24MS l-esponenti eżebew dokumenti biex juru kif il-pretenzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża fejn qed jitlobu s-sehem riżervat (Rik. Ġur. 1354/23MS) ma jistgħux jammontaw għal iktar minn € 279,400. F'dik in-nota ġew elenkati l-assi kollha lir-rikorrenti qed jibbażaw il-kalkolu tagħhom (mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti f'dik il-kawża):*

*i) Kwota ta' tmenin (80) gallun ħalib.*
*Kif jirriżulta mill-annessa skrittura ta' bejgħ din il-kwota għandha valur ta' €160,000.*

*ii) Kwota ieħor ta' tmenin (80) gallun ħalib.*
*Kif jirriżulta mill-annessa skrittura ta' bejgħ din il-kwota għandha valur ta' €90,000.*

*iii) Razzett magħruf bħala Ta' Manduca li jinsab Ħad-Dingli.*
*Dan m'għandux valur għaliex hemm biss titolu ta' lokazzjoni.*

*iv) Razzett magħruf bħala Tad-Djar li jinsab fi Triq il-Buskett, Rabat inkluż bini, għodda makkinarju u bhejjem.*
*Dan m'għandux valur għaliex hemm biss titolu ta' lokazzjoni.*

*v) Mezzanin bin-numru uffiċjali 59 fi Triq Kola Xara, Rabat inkluża l-arja. Dan jiġi fuq il-mezzanin indikat f'para (ix) hawn taħt u qed jiġi stmat li jiswa €365,000.*

*vi) Dar bin-numru uffiċjali 36 fi Triq Kola Xara, Rabat.*
*Qed tiġi eżebita stima indikanti li dan jiswa € 390,000.*

*vii) Garaxx bin-numru uffiċjali 61 (gja 9A) fi Triq Kola Xara, Rabat.*
*Qed tiġi eżebita stima indikanti li dan jiswa €115,000.*

*viii) Tliet biċċiet art fil-limiti tar-Rabat kontrada tal-Baħrija.*
*Dawn jiswew € 8000, € 18,000 u € 26,000 rispettivament.*

*ix) Mezzanin bin-numru uffiċjali 63 fi Triq Kola Xara, Rabat.*
*Il-valur huwa ta' €225,000.*

*Id-dokumenti relattivi jinsabu eżebiti fl-atti tar-rikors 100/24 MS.*

*Illi fl-istess rikors 100/24 MS ġie wkoll muri kif in kawtela ta' pretenzjoni li ma tistax tkun ogħla minn hekk hemm x'jagħmel tajjeb is-somma ta' € 229,839.58 bħala flus depożitati permezz ta' ċedoli (eżebiti mir-rikorrenti stess mar-rikors tagħhom) u s-segwenti proprjeta' b'valur totali ta' € 504,000 maqbuda bil-mandat ta' inibizzjoni:*

*1. Dar bin-numru 59, Triq Kola Xara, Rabat. - € 365,000.*

*2. Garage 61A, Triq Kola Xara, Rabat - € 115,000.*

*3. Porzjoni diviża ta' art imsejħa "Ta' Wied Rini" fl-inħawi ta' Wied Rini fil-kontrada tal-Baħrija, limiti tar-Rabat, tal-kejl ta' ċirka 581.2 metri kwadri. - €8,000.*

*4. Porzjoni diviża ta' art imsejħa ta' Wied Liemu fl-inħawi ta' Wied Liemu, fil-kontrada tal-Baħrija tal-kejl ta' ċirka 2,494 metri kwadri - € 16,000.*

*Illi għalhekk sabiex tiġi kkawtelata pretenzjoni ta' € 279,400 hemm bejn proprjeta' u flus is-somma ta' € 704,000 biex tagħmel tajjeb.*

*Illi nonostante dan kollu r-rikorrenti intavolaw mandat addizzjonali numru 483/24 fuq l-istess pretenzjoni ta' miljun Ewro b'sekwestratarji differenti bl-intendiment ovvjament illi jinqabdu flus ulterjuri, apparti ċ-ċedoli li diġa' ġew ippreżentati u apparti l-proprjeta' hawn fuq elenkata. Dan sar meta r-rikorrenti setgħu faċilment ippreżentaw rikors biex jiżdiedu sekwestratarji fil-mandat oriġinali.*

*Illi però filwaqt illi b'mandat wieħed ir-rikorrenti kienu diġa kkawtelati ferm iktar minn dak li jista' qatt ikun dovut lilhom, ir-rikorrenti ma kinux kuntenti però intavolaw dan it-tieni mandat li mhux biss huwa eċċessiv però kjarament vessatorju.*

*Illi fil-frattemp l-esponenti Paul u Raymond Azzopardi li jaħdmu fin-negozju ta' laħam u ħalib diġa sofrew danni minħabba illi bil-flus tagħhom u banek kollha ffriżati bil-mandati huma ma jistgħux iħallsu għall-ikel ta' l-annimali.*

*Illi kif ġie spjegat fil-prospett li sar mill-esponenti in segwitu tal-mandat tagħhom, fuq ordni tal-Qorti, minn Novembru 2023 sa' meta sar il-mandat, mietulhom 40 baqra. Il-valur tal-baqar huwa ta' bejn € 700 u € 2,000 skont il-piż. Dan jagħti medja ta' € 1,350 kull baqra. Apparti minn hekk hemm periklu serju li jisfaxxa n-negozju totalment għaliex l-esponenti ma jistgħux iħallsu għall-ispejjeż ta' l-istess.*

*Illi huwa għalhekk illi l-esponenti intavolaw il-mandat odjern u l-kawża. Bl-istess mod li r-rikorrenti jsostnu illi għandhom dritt jikkawtelaw il-pretenzjonijiet tagħhom, anke l-esponenti għandhom id-dritt jikkawtelaw ruħhom għal dawn id-danni sofferti a kawa ta' mandati kjarament vessatorji.*

*Illi in oltre ssir referenza wkoll għal dak li jissottomettu r-rikorrenti illi l-esponenti Paul Azzopardi ma jiġġestix in-negozju in kwistjoni però huwa biss Raymond Azzopardi li jagħmel dan. Fl-ewwel lok li kieku l-mandat ta' sekwestru sar minn Raymond Azzopardi biss l-effett fuq ir-rikorrenti kien ikun l-istess. M'hemm l-ebda preġudizzju għar-rikorrenti li s-sekwestratarji huma tlieta. Fit-tieni lok dak sottomess mir-rikorrenti huwa inveritjier għaliex filwaqt illi Raymond Azzopardi jgħix minn fuq in-negozju biss, Paul Azzopardi għandu wkoll impjieg separat apparti li jikkontribwixxi f'dan in-negozju wkoll. Però t-tnejn jaħdmu fin-negozju.*

*Illi ssir referenza wkoll għal dak sottomess mir-rikorrenti u ċioe illi l-mandat huwa biss frustrazzjoni ta' l-esponenti għaliex ir-rikors tagħhom 100/24 MS għadu ma ġiex degretat minħabba traskuraġni tagħhom stess. Dan m'hu minnu assolutament xejn. Il-mandati intavolati mir-rikorrenti kontra l-esponenti għadhom in vigore għaliex ir-rikorrenti qed jippersistu li jżommuhom in vigore nonostante li jafu li huma altru milli suffiċentement ikkawtelati u mhux minħabba xi digriet li għad irid jingħata. Apparti minn hekk jekk huwa minnu illi xi atti relattivi għar-rikors 100/24 MS daħlu fil-*

*proċess tal-kawża flok fil-proċess tar-rikors revoka. Però dan anke ġara lir-rikorrenti għaliex ir-risposta tagħhom għar-rikors revoka 100/24 daħlet fl-atti tal-kawża flok fl-atti tar-rikors kif rilevat ftit tal-ġranet ilu waqt seduta fil-kawża proprja.*

*Illi b'referenza għal dak sottomess fis-sens illi r-rikorrenti ma ġewx interpellati qabel ma sar il-mandat, irid jingħad illi huma ġew notifikati bir-rikors għar-revoka 100/24 li kien biżżejjed biex iservi ta' twiddiba illi l-esponenti qegħdin isofru danni.*

*Illi t-talba għall-ħlas ta' penali wkoll għandha tiġi miċħuda u dan minħabba li l-mandat odjern ma sarx vessatorjament jew frivolożament u m'hemmx l-estrimi rikjesti biex tiġi imposta garanzija. Anzi jerġa' jiġi sottomess illi l-mandat huwa wieħed ġustifikat għall-aħħar.*

*Illi f'dan il-kuntest issir ampja referenza f'dan il-kuntest għad-digriet fl-ismijiet 'Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 566/2019 fl-ismijiet: BT Prime Limited (numru tal-kumpanija reġistrata ġewwa l-Bermuda EC 49242) kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali lokali tagħha l-Av. Jonathan Thompson (K/ 80886M) vs FXDD Malta Limited (C48817)'. Il-Qorti għamiltha ċara f'dan id-digriet illi sabiex ikun hemm garanzija s-sekwestrat irid juri li qiegħed isofri danni jew li hemm jew ser ikun hemm lok għal penali, prova li ma saritx.*

*Il-Qorti qalet hekk:*

> *"ii. Illi f' dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Darmanin Charles et vs Cachia Albert et (Rikors Numru 267/2007 JRM), deċiża fil-31 ta' Lulju 2007, fejn il-Qorti, fl-ambitu ta' rikors simili fejn it-talba kienet tiċċentra unikament fuq l-għotja ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap. 12, irriteniet is-segwenti:*
>
> *"Illi ladarba r-rikorrent ma ressaq l-ebda kwestjoni dwar raġunijiet li dwarhom il-Qorti tista' tikkunsidra li tordna lill-intimati eżekutant jħallsuh penali (Art. 836(8) tal-Kap 12), din il-Qorti ssib għalhekk li ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12."*

3. Rat illi, fis-6 ta' Mejju 2024, il-Qorti, kif dakinhar ppresjeduta, ordnat illi l-kawża tinġieb quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, stante illi din il-Qorti qiegħda tisma' u tiddeċiedi l-vertenza bejn l-istess partijiet bin-numru 441/2024 FDP.

4. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2024, ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għat-23 ta' Settembru 2024.

5. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2024, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi r-rikors seta' jitħalla għal deċiżjoni finali.

6. Rat illi fit-23 ta’ Settembru 2024, ir-rikors ġie differit għat-8 ta’ Ottubru 2024 għal deċiżjoni finali.

**Ikkunsidrat**

7. Jirriżulta illi l-partijiet kollha huma lkoll parentati ma’ xulxin, fejn ir-rikorrenti Louis u Francis Azzopardi w l-intimati Paul u Raymond Azzopardi huma lkoll aħwa tal-mejjet Simon Azzopardi w ta’ ommhom, l-intimata Josehpine Azzopardi.

8. Jirriżulta illi, wara il-mewt ta’ missierhom, Simon Azzopardi, r-rikorrenti odjerni Louis u Francis Azzopardi fethu kawża, bin-numru 1354/2023 MS fl-ismijiet ‘Louis Azzopardi et vs Josephine Azzopardi et’, fejn talbu għall-ħlas tal-leġittima portio tagħhom wara l-mewt ta’ missierhom.

9. Jirriżulta illi, riżultat ta’ tali kawża, ir-rikorrenti odjerni Louis u Francis Azzopardi, ippreżentaw Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 2229/2023 kif ukoll żewġ Mandati ta’ Sekwestru Nru 2230/2023 u 483/2024.

10. Jirriżulta illi, bħala riżultat ta’ tali Mandati, ġew miżmuma sensiela ta’ propjetajiet kif ukoll ġew depositati fil-Qorti is-somma ta’ €229,839 permezz ta’ varji ċedoli ta’ depositu da parte ta’ terzi.

11. Jirriżulta illi fis-26 ta’ Marzu 2024, l-intimati Josephine, Paul u Raymond Azzopardi ippreżentaw Mandat ta’ Sekwestru Nru 540/2024, meritu tal-proċeduri odjerni, fejn talbu illi jiġu sekwestrati lir-rikorrenti odjerni s-somma ta’ €100,000, bħala danni lilhom rekati riżultat tal-Mandati ta’ Sekwestru 2230/2023 u 483/2024 fuq gia imsemmija.

12. Jirriżulta illi fl-4 ta’ April 2024, wara li l-intimati ppreżentaw prospett kif ordnat mill-Qorti, l-ammont tal-Mandat ta’ Sekwestru ġie ridott mill-Qorti stess għal €54,000 u akkordat dakinhar stess.

13. Jirriżulta illi, permezz ta’ Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-24 ta’ April 2024, Rikors Nru 441/2024, li qed jinstema’ quddiem dina l-Qorti, kif komposta, fl-ismijiet ‘Josephine Azzopardi et vs Louis Azzopardi et’, l-intimati pproċedew biex iressqu t-talba tagħhom, kif kawtelata bil-Mandat ta’ Sekwestru Nru 540/2024, fejn talbu s-segwenti:

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi a kawża tal-mandati ta' sekwestri numru 2230/23 u 483/24 ppreżentati l-konvenuti kkawżaw danni lill-atturi liema danni għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti.*

*2. Tillikwida konsegwentement id-danni hekk sofferti mill-atturi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi id-danni hekk likwidati.*
*Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 540/24 u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.*

14. Jirriżulta illi ebda indikazzjoni ma ngħatat, fir-rikors fuq ċitat, tal-estent tad-danni pretiżi mill-intimati.

**Ikkunsidrat**

15. Jirriżulta illi r-raġuni aħħarija għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 540/2024 da parte ta' Josephine Azzopardi u l-aħwa Paul u Raymond Azzopardi, kien illi huma jikkontendu li qed isofru danni, għal liema danni huma kienu qed iżommu lill-intimati Louis u Francis Azzopardi responsabbli.

16. Jirriżulta illi l-pretensjoni ta' danni ġiet minnhom kristallizzata permezz ta' Rikors Ġuramentat illi huma ppreżentaw fl-24 ta' April 2023.

17. Jirriżulta illi r-rikorrenti odjerni, Louis u Francis Azzopardi, qegħdin, permezz tal-proċeduri odjerni, jitolbu r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru għal varji raġunijiet, fosthom illi, a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12, għax "l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."

**Ikkunsidrat**

18. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi, fil-każ odjern, il-Mandat ta' Sekwestru meritu tal-kawża odjerna ġie intavolat fis-26 ta' Marzu 2024 u akkordat fl-4 ta' April 2024, filwaqt illi l-kawża għall-pretensjoni hekk ikkawtelat ġiet ippreżentata fl-24 ta' April 2024.

19. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-każ odjern, l-Mandat ta' Sekwestru w il-kawża għall-pretensjoni ma ġewx ippreżentati kontestwalment, w l-intimati stennew illi jiġi milqugħ u effettiv il-Mandat ta' Sekwestru u intavolaw il-kawża proprja għoxrin ġurnata wara.

20. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti kienet tistenna illi, fir-rikors promotur tagħhom, fejn ilmentaw dwar id-danni, l-intimati kienu jagħtu indikazzjoni tad-danni minnhom pretiżi fuq bażi 'prima facie', liema danni sussegwentement ikunu l-bażi tal-kontestazzjonijiet bejn il-partijiet.

21. Jirriżulta, madanakollu, illi, għal raġunijiet illi jafu huma biss, possibbilment sabiex ma jħallsux daqstant drittijiet tar-reġistru mal-preżentata tal-kawża, l-intimati Josephine, Paul u Raymond Azzopardi naqsu milli jikkwantifikaw id-danni tagħhom, anke fuq bażi prima facie, fir-rikors ġuramentat tagħhom, fejn talbu lil dina l-Qorti sabiex tikkwantifika d-danni hija stess.

22. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrenti odjerni huma korretti jilmentaw mill-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 540/2024 abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d), peress illi r-rikors ġuramentat li għandu jitqies bħala l-bażi tal-pretensjoni 'prima facie' ta' l-intimati Josephine, Paul u Raymond Azzopardi, jonqos milli jagħti kwalsiasi tip ta' indikazzjoni dwar kemm kellha tkun il-pretensjoni tagħhom.

23. Jirriżulta illi, minn ħarsa 'prima facie' tar-rikors ġuramentat Nru 441/2024, li qed jinstema' minn dina l-Qorti kif ippreseduta, ma tingħata ebda indikazzjoni dwar kemm il-pretensjoni tad-danni hija, u għalhekk ċertament ma jistqax jitqies illi l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 540/2024 kien ibbażat fuq pretensjoni illi prima facie ġiet murija u redatta fil-kawża proprja fejn tali danni qed jintalbu l-ħlas tagħhom.

24. Jirriżulta, għalhekk, illi, fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara da parte ta' l-intimati dwar il-pretensjoni tagħhom fir-Rikors Ġuramentat, ir-rikorrenti huma ġustifikati jikkontendu illi l-ammont kawtelat fil-Mandat ta' Sekwestru Nru 540/2024 ma huwiex 'prima facie' ġustifikat, u dan peress illi lanqas biss huma kwantifikati danni fir-Rikors Ġuramentat.

25. Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti, kif ibbażata fuq l-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 jimmerita illi jintlaqa'.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha kif ukoll wara illi rat l-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 441/2024;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrenti; u

**Tiddikjara** illi jeżistu raġunijiet validi skond il-liġi a tenur tal-artikolu 836(1) (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024;

**Tilqa'** t-Tieni Talba; u

**Tordna** r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 540/2024 għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafi (d) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tordna lis-sekwestrati kollha sabiex jobdu l-ordni ta' dina l-Qorti u jonoraw tali ordni <u>MINGĦAJR</u> il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor, b'riserva għal kull azzjoni ta' disprezz kontra tagħhom jekk jirrifjutaw milli jagħmlu dan.**

**Tiċħad** il-kumplament tat-talbiet rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**